

# Il-Kaxxarezzi tas-Sagristija tal-Parroċċa San Filep, Ħaż-Żebbuġ



Lorenzo Zahra

Min jidħol fis-sagristija tal-parroċċa San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ m'għandux jonqos li jagħti każ tax-xogħol artistiku ta' karpenterija li toffri l-għamara ta' din is-sagristija. Wieħed jara sett ta' kaxxarezzi u armarijiet sbieħ li fihom xogħol ta' min jammirah tassew.

Jidher li fis-sena 1763 ġa kien inbeda x-xogħol fuq dawn l-armarijiet, għaliex fid-19 ta' Jannar 1763 is-saċerdot Dun Gaetano Azzopardi ried ikun benefattur biex jitkomplew l-armarijiet tal-kaxxarezzi tas-sagristija. Dan il-qassis offra s-somma ta' 400 skud u għamel ftehim ma' mastru Pasquale għat-tkomplija ta' dan ix-xogħol. Fih il-qassis ressaq ukoll xi kundizzjonijiet kemm biex ikun żgur li x-xogħol jitkompla skont id-disinn kif ukoll li jkollu l-approvazzjoni tal-kappillan u l-prokuraturi tal-knisja. Tant li fil-kitba jissemmew il-kappillan Dun Feliċ Borg, Dun Alestino Schembri, Dun Tarcisio Grima, Dun Gaetano Brignone u Dun GioBattista Caruana. Dan tal-aħħar kien supratendent għal din l-opra. Dun Gaetano ried ukoll li jintuża xi njam mill-kaxxrezzi li ġa kien hemm qabel.



Dan kollu sar bi ftehim biex ix-xogħol jitkompla bl-approvazzjoni solita tal-isqof. Imma ma jonqosx li fil-ftehim jinżamm id-dritt li jekk ix-xogħol ma jkunx ta' sodisfazzjon u skont is-sengħa, kull tibdil isir bi spejjeż ta' min ħadem stess.

Intant wieħed illum jara li fis-sagristija hemm armarijiet kaxxarezzi tassew maħduma bis-sengħa u sbieħ li jixirqu ikunu apprezzati minn dawk kollha li jħobbu l-arti fl-injam.

**Referenza:** u għamel A.A.M. Supp vol. 8/108.